**334. Il-Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur ippropona:**

Billi permezz tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament li għaddiet fil-21 ta' Mejju 1991, 1-art li tinsab bejn il-monument tal-RAF u l-Fosos tal-Furjana li tagħti fuq Triq 1-Assedju 1-Kbir, Triq Sant'Anna u Triq Nelson ġiet mogħtija b'ċens lill-Kumpanija *Jonston Company Ltd*, biex tiġi żviluppata bħala *car park*, liema ċens aktar tard ġie trasferit lill-kumpanija MCP Company Limited;

U billi hija 1-intenzjoni tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta li jkun hemm spazju addizzjonali ta' parkeġġ ta' vetturi fl-akkwati tal-Belt, kemm għal benefiċċju tal-pubbliku kif ukoll tal-komunità kummerċjali tal-Belt;

U billi il-kumpanija MCP Co Ltd. sejra tagħmel investiment sostanzjali sabiex isiru dawn ix-xogħlijiet;

U billi jeħtieġ li l-*car park* imsemmi isirulu modifiki ħalli jikkomplimenta mal-proġett ta' Bieb il-Belt;

U billi ntlaħaq ftehim bejn il-Gvern u 1-MCP Company Limited sabiex isiru dawn il-modifiki strutturali fosthom li l-wiċċ tal-*car park* jiġi magħluq u jsir ġnien pubbliku;

U billi hija 1-intenzjoni tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta li jirranġa, isebbaħ u jtejjeb 1-inħawi li jdawru 1-Belt;

U billi hija wkoll 1-intenzjoni tal-Gvem tar-Repubblika ta' Malta li jtejjeb 1-aċċess għall-Belt kemm bir-riġel kif ukoll bil-vetturi;

U billi hija 1-politika tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta illi jinkoraġġixxi illi jinħolqu postijiet rekreattivi u ġonna għat-tgawdija tal-pubbliku;

U billi 1-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jestendi ż-żmien taċ-ċens temporanju favur il-kumpanija MCP Company Limited għal perjodu ta' 65 sena oħra minn meta jiskadi ċ-ċens oriġinali hekk kif indikat fl-imsemmi att u bi ħsiebu jagħmel dan kollu permezz ta' Att Korrettorju u Estensjoni ta' Enfitewsi Temporanja;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 268, Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, li art li tkun proprjetà tal-Gvem jew amministrata minnu tista' tigi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li jsir att korrettorju sabiex id-deskrizzjoni tal-art tiġi korretta u jsir estensjoni tal-konċessjoni enfitewtika favur il-kumpanija MCP Company Limited, kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, għall-iskopijiet u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

08.10.12